



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

7725/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0061 (NLE)

TRANS 188

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-13-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF)

IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI EWROPEA
FIT-13-IL SESSJONI TAL-KUMITAT TA' ESPERTI TEKNIĊI
TAL-ORGANIZZAZZJONI INTERGOVERNATTIVA
GĦAT-TRASPORT INTERNAZZJONALI BIL-FERROVIJA (OTIF)

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-unjoni fit-13-il sessjoni tal-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (CTE) tal-organizzazzjoni intergovernattiva għat-trasport internazzjonali bil-ferrovija (OTIF) dwar l-emendi għall-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi (UTP) li jikkonċernaw il-vaguni tal-merkanzija, l-immarkar tal-vettura u l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, għal rieżami bis-sħiħ tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni (ECM) u għal rieżami bis-sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet li jikkonċernaw ir-reġistri nazzjonali tal-vetturi (NVR), għandha tkun dan li ġej:

- (1) li tivvota favur l-emendi proposti mis-CTE għall-UTP li jikkonċernaw il-vaguni tal-merkanzija, kif imsemmija fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20005-CTE13-6.2 u l-Anness tiegħu;
- (2) li tivvota favur l-emendi proposti mis-CTE għall-UTP li jikkonċernaw l-immarkar tal-vettura, kif imsemmija fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20006-CTE13-6.3 u l-Anness tiegħu;
- (3) li tivvota favur l-emendi proposti mis-CTE għall-UTP li jikkonċernaw l-istorbju tal-materjal fuq ir-roti, kif imsemmija fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20004-CTE13-6.1 u l-Anness tiegħu;

- (4) li tivvota favur ir-rieżami bis-sħiħ tar-regoli għaċ-ċertifikazzjoni u l-awditjar, dment li, fl-Artikolu 3 § 5 tal-Anness għad-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20007-CTE13-6.4, jiżdiedu s-sentenzi li ġejjin:

“L-istati kontraenti jistgħu jistabbilixxu proċessi nazzjonali jew reġjonali, li jiżguraw l-istess livell ta' fiduċja bħaċ-ċertifikazzjoni tal-ECM, li għandhom jiġu applikati flok iċ-ċertifikazzjoni tal-ECM. It-trasparenza ta' daww il-proċessi nazzjonali għandha tkun żgurata billi dawn jiġu notifikati lis-Segretarju Ġenerali. Il-proċessi għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-OTIF.”;

- (5) li tivvota favur ir-rieżami bis-sħiħ tal-ispeċifikazzjonijiet li jikkonċernaw l-NVRs, dment li, fl-Anness għad-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-20008-CTE13-6.5, jiżdied l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 13 Regoli ta' implimentazzjoni partikolari

§1 Il-vetturi ammessi fit-traffiku internazzjonali li jidħlu fin-netwerk ferrovjarju tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu rreġistrati fl-EVR.”.